MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 359/2009

**Public Broadcasting Services Limited – C13140**

**vs**

**Scerri Charles bhala stralcarju tas-socjeta' Music Entertainment Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju tas-sena 2009 in forza ta' liema kien intalab sabiex il-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn u sitta u disghin ewro u sitt centezmi (€2,096.06c) rapprezentanti bilanc fuq dritt li kien ghadu dovut lilha ghal servizzi rezi. Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li kienet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra illi ghalkemm il-konvenut nomine kien gie notifikat b'dawn il-proceduri, huwa naqas il li jipprezenta kontestazzjoni fir-rigward tat-talba attrici. Gie notat ukoll illi ghalkemm fl-ewwel seduta tat-12 ta' Gunju, 2009, Dr. Arthur Azzopardi f'isem il-konvenut nomine kien informa lit-Tribunal li kien hemm possibilta' ta' transazzjoni pero` skond ma' kif irrizulta fis-seduta tal-lum tramite` l-Avukat Dr. Veronica Aquilina kif ukoll il-mankanza ta' Dr. Arthur Azzopardi irrizulta li din it-transazzjoni baqghet ma sehhitx u ghalhekk it-Tribunal ordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici, Ramona Mamo De Giovanni, li bil-gurament taghha ikkonfermat illi l-ammont mitlub f'din il-kawza kien ghadu dovut peress li mill-prezentata 'l hawn baqa' ma sar ebda pagament lis-socjeta' attrici. Gie notat ukoll illi kemm il-konvenut nomine kif ukoll l-avukat difensur tieghu imsejhin diversi drabi ma dehrux u ghalhekk wisq anqas setghu jikkontestaw b'xi mod it-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elfejn u sitta u disghin ewro u sitt centezmi (€2,096.06c) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------